## Ħidma ma' Persuni b'Diżabilita`

"Immur lura daqs tlett snin ilu, meta dħalt fid-dinja tax-xogħol bħala Support Worker. Kont kurjuża biex inkun naf x'jinvolvi dan ix-xogħol ma' persuni b'diżabilità.

Illum nista' ngħid li l-esperjenza tiegħi bħala Support Worker hi pożittiva. Matul il-ġurnata tax-xogħol kapaċi tħabbat wiċċek ma' ċirkustanzi varji li minnhom jiena tgħallimt u għenuni nikber u nimmatura. Hu ta' sodisfazzjon kbir għalija meta klijent li naħdem miegħu jimxi 'l quddiem. Persuni b'diżabilità huma nies li bħal kulħadd għandhom bżonn lil min iħobbhom u daqstant ieħor jafu jħobbu lura. Għalkemm forsi mhux dejjem jistgħu jirringrazzjawk bil-fomm, ċerta li kull ma nagħmel magħhom hu apprezzat hekk kif jiġi muri mill-attitudni tagħhom. Anke tapprezza s-sempliċi 'bonġu' x'ħin tidħol xogħol fil-għodu jew dik il-'happy weekend'; biżżejjed biex tibda l-ġurnata bit-tajjeb jew titlaq mix-xogħol kuntenta. Ħaġa li timpressjonani hi l-mod kif kapaċi jagħrfu dak li persuna qed tagħmel magħhom. Huma juruk jekk ikunux qed iħossuhom komdi miegħek jew le u jindunaw kemm int tkun qed taċċetta lilhom b'mod sħiħ jew le. Li hemm sabiħ hu li l-aċċettazzjoni tagħhom lejna l-istaff hi waħda sinċiera u onesta.

Fattur importanti huwa li l-klijent għandu d-dritt jagħmel l-għażla bil-mezzi tiegħu, mingħajr ma titnaqqaslu l-indipendenza. Għaldaqstant, kif jiddiskrivi l-isem tal-Aġenzija SAPPORT, is-Support Worker għandu jkun il-mezz li jsaħħah il-vuċi tal-persuna b'diżabilità, bħal per eżempju billi norganizzaw ħruġ u attivitajiet skond il-gosti tal-klijent.

Ix-xogħol inniffsu għeni fil-karriera tiegħi fejn bħala studenta tal-psikoloġija stajt nara t-teorija fil-prattika. Ix-xogħol ta' Support Worker għeni wkoll biex inkun aktar assertiva miegħi nnifsi u ma naqtax qalbi. Dan nista' ngħidu mill-esperjenza fejn fi ftit ħin, imma b'mod regolari, huwa biżżejjed biex tara progress fi klijent. Kull ċans hu opportunità sabiex issaħħah ir-rapport mal-klijent".

Bħalissa l-Aġenzija SAPPORT qiegħda fi proċess ta' reklutaġġ ta' Support Workers fuq bażi full-time u part-time ma' persuni b'diżabilita'. Għal aktar informazzjoni, wieħed jista' jċempel l-uffiċċju tal-Aġenzija SAPPORT fuq 21451868 u jistaqsi għal Sandy Sammut jew Jeanella Galea.

Aġenzija SAPPORT tifforma parti mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali li tinkorpora Aġenzija sedqa www.sedqa.gov.mt u Aġenzija APPOĠĠ www.appogg.gov.mt.

**Alison Marie Farrugia**
**Professional Support Worker**
**Aġenzija SAPPORT**